# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza 10 ta' Jannar, 2024

Avviz tat-Talba numru: 156/2023 CL

**Raymond Caruana (KI nru: 570257M)**

**VERSUS**

**Kelly Winkler (KI nru: 38477M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-28 ta' April 2023, fejn l-attur talab lil Tribunal jikkundana u jordna lill-konvenuta thallas is-somma ta' erbat elf u sitt mitt euro (€1,600) li l-attur kien selef brevi manu, lill-konvenuta wara li iben il-konvenuta kien involut f'incident tat-traffiku, liema ammont kellu jithallas fiz-zmien gimghatejn. Illi ghalkemm giet interpellata diversi drabi hija qatt ma halset l-ammont dovut. Talab li jithallas l-ammont ta' €1600, bl-ispejjez oltre imghax legali.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2023, it-Tribunal kien innota li l-konvenuta kienet notifikata, izda la resqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha biex issehh kontestazzjoni tat-talba tas-socjeta attrici. Ghalhekk, il-konvenuta waqghet fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta. Fis-6 ta' Novembru 2023, xehed l-attur li ikkonferma li l-ammont kien ghadu kollu dovut u ma kien sar ebda pagament u ipprezenta kapitoli fil-konfront tal-konvenuta. Fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2023, il-konvenuta ma dehritx, minkejja li kien msejha ghas-subizzjoni u b'hekk il-kawza thalliet ghas-sentenza.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-

konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2023, minkejja li l-konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali, la resqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-udjenza msemmija li kienet tmiss wara n-notifika lilha ta' l-atti. Tali konvenuta, ghalhekk, kienet giet dikjarata fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-imsemmija udjenza. Izda skong is-segwenti sentenza, ghalkemm il-konvnuta tkun kontumacja jehtieg li t-talba tas-socjeta attrici tigi sodisfacentament ipprovata.

Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din l-ahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fill-kawza **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** ingahd illi "*ghalkemm il- konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni ta' abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda; imma, inveci, ghas-suppozizzjoni ta' rimessjoni ghall-gustizzja tat- tribunal*.[1]"

Rat illi fis-6 ta' Novembru 2023 xehed l-attur Raymond Caruana li ikkonferma li l-ammont kien ghadu dovut u ma kienx thallas ebda ammont. Rat illi minkejja li l-konvenuta kienet msejha ghas-subizzjoni, din ma dehritx. Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mis-socjeta attrici, u anke, izda mhux biss, bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal, it-talba tal-attur timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak mitlub mill-attur fi procediment gudizzjarju bhal dan. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta biex thallas lill-attur is-somma ta' elf u sitt mitt euro, (€1,600), bl-imghaxijiet mid-data tat-talba sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, ghandhom jithalsu mill konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

---

[1] Giuseppe Gerada v. Salvu Attard (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959)